**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Jannar, 2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**-vs-**

**Keith-Joseph Mallia, detentur ta' karta tal-identità nru 148471M, u**

**Vincent Sammut, detentur ta' karta tal-identità nru 105073M.**

Kump Nru. 546/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Keith-Joseph Mallia u Vincent Sammut u ċioè talli

1. Fit-08 ta' Lulju, 2015, ġewwa Birżebbuġa, ikkomettew serq ta' diversi oġġetti li l-valur taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37, ghad-detriment ta' Joseph Cassar mis-Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;

2. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibigħuhom jew imexxuhom.

Fil-konfront tal-imputat Keith-Joseph Mallia waħdu u ċioè talli:

Fl-istess data u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Magt. Dr. N. Camilleri LL.D fid-digriet tiegħu li bih ta l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhomx l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza li giet prezentata biss jum ta' xoghol qabel id-data li kellha tinghata s-sentenza u dan minghajr ma ntalab permess b'rikors sabiex din tigi ammessa in atti.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Johan Fenech** xehed kif il-Pulizija kienet giet infurmata li kienet qed issir serqa mill-ex-impjant tal-Liquigas fejn it-Torri ta' San Lucjan, Birzebbugia. X'hin wasslu fuq il-post il-pulizija sabu lil Joseph Cassar li nfurmahom li hu kien mar fis-sit ma Terrance Schembri fejn innota vettura tal-marka Opel bil-numru ta' registrazzjoni VIN 031 li kien fiha zewg individwi u raha zewg individwi ohra barra qed jghabbu gol-*boot* tal-vettura xi ammont ta' *wires* tar-ramm.[1] Il-parte civile kompla jghid lill-pulizija illi huwa kien sab nieqes xi fuel li skont hu kien jammonta ghal madwar 380 Euros, xi affarijiet tad-dawl u xi *wires* li jammontaw ghal madwar 300 Euro, u zewg batteriji ta' vetturi li skond

[1] Fol.112

hu jammontaw ghal madwar 260 Euros.[2] Minn stharrig li sar irrizulta li wiehed mis-suspettati kien l-imputat Mallia filwaqt li rrizulta li l-vettura li ntlemhet kienet tappartjeni lill-imputat Sammut. Minn tfittxijiet li saru fil-vettura ta' Sammut u mill-abitazzjoni tieghu rrizultaw fin-negattiv. Ittiehdet stqarrija[3] tal-imputat Mallia fejn dan kien cahad li kien involut fil-kaz u li skond hu kiren *at the wrong place at the wrong time;* kien qal li dak il-hin mar mixja mat-tifel tieghu Clyde, waqfu fejn l-impjant biex jistriehu u kif kien hemmhekk gie x-xufier ta' vettura tal-ghamla Juke u beda jghajjat mieghu dan li kien serqu.[4] Fl-istqarrija Mallia ammetta li kien jaf lil din l-persuna *"Nafu ghax mort xi erba' darbiet inbeghlu l-hadid."*[5]

Illi l-**Ispettur Melvyn Camilleri** xehed kif hu kien wasal sabiex jintraccja lill-imputat Sammut u li minn stqarrija li ttiehditlu kien cahad li kien involut u li sahansitra stqarr li dakinhar tas-serqa hu kien raqad gol-vettura tieghu f'Ta' Qali. L-ispettur ma emminx din il-verzjoni tenut kont li kien l-gheqqel tas-sajf fejn is-shana tkun fl-aqwa taghha.[6] Il-Qorti ukoll tara li l-verzjoni tal-imputat hi inverosimili meta hu jzid *"Jiena tlaqt fil-karozza u rqadt fiha sa xi 17.30."*[7] Senjatament l-imputat jiddikjara hekk dwar il-vettura li ntlemhet fuq ix-xena tar-reat *"Ghandhi Opel Asta griz u number plate VIN031..Iva had aktar ma jmissha….Iva jiena biss insuqha…".*[8]

Illi il-parte civile, **Joseph Cassar**, xehed kif ghall-habta tal-4.30pm - 4.45pm kien mar fuq il-post ma bennej Terrence *"u nsib karozza qed tghabbi l-cable tar-ram bil-bieb miftuh, u ghidtilhom hawn x'inhom taghmlu? Qalli x'ghandek bzonn? Ghidtlu ma taf x'ghandi bzonn ghidtlu qed tisirquni,"*[9] Cassar kien gharaf wiehed minnhom li xi erba jew sitt xhur qabel kien mar ibieghlu ir-ramm u kien saqsieh sa x'hin jibqaw miftuhin u hu kien wiegbu li kienu jaghlqu f'xi 1pm! Cassar gharraf kemm lil Mallia kif ukoll identifika lil Sammut bhala s-sewwieq tal-vettura li kienet fuq il-post. Jghid li malli sfratta dak li kien qed issir dawn harbu minn fuq il-post.[10] Ikompli jispjega *"Wiehed kien fuq l-isteering ta' lil hemm, u l-iehor u t-tifel tieghu kienu jghabbu cable tar-ram fil-boot, il-boot miftugh u jitfghu r-ram*

[2] Fol.113
[3] Dok.JF5 a. fol.19
[4] Ibid.
[5] Fol.20
[6] Fol.115 et seq.
[7] Dok.JF4 a fol.18
[8] Ibid.
[9] Fol.24
[10] Fol.25

*go fih."* Jghid li kien sab nieqes *battries* tal-excavator u xi 300 litru diesel[11] b'kollox kien stma li soffra mal-€1000.[12] *"Il-bieb kien miftugh, il-boot tal-karozza kien miftugh, u kienu qed jghabbu l-cable, u filfatt ghabbewh u telqu bih il-cable mhux hallewh hemmhekk. Telqu bih."*[13]Il-bieb li sar id-dhul minnu kien jinfetah bis-sallatura, b'firoll, izda ma kienx msakkar b'katnazz.

Cassar jispjega id-diskors li sar mal-imputat Keith-Joseph Mallia *"Ghidtlu inti x'inti taghmel hawn? Qalli x'ghandek bzonn? Ghidtlu mhux x'ghandi bzonn ghidtlu qed tisraqni, sraqtli l-battries tal-excavator, ghidtlu sraqtli d-diesel orrajt?... Qalli kollox nirrangaw qalli nhallsek taghhom…. Il-copper, dak li kellhom dak il-hin …?"*[14] Cassar kien semma li kienu nsterqulu l-battries u d-diesel peress li dakinhar stess filghodu meta kien mar biex juza l-excavator kien sab dawn nieqsin u li l-ahhar darba li ntuzat kienet il-gurnata ta' qabel u kienet qed tahdem tajjeb. Il-Qorti tara li ma hemm ebda ness sal-grad rikjest mill-ligi bejn is-serqa precedenti (tal-*battries* u diesel) u l-imputati odjerni u ghalhekk ir-*res furtiva* f'dan il-kaz kienet dik biss tal-cable tar-ramm li gie stmat li jammonta bejn xi €300 - €400.[15]

Illi **Terrence Schembri** xehed kif hu kien mar ma Cassar fil-yard u kif wasslu Cassar qallu li kien qed jigi misruq *"....wasalna barra x'hin gejna mall-gate u sibniehom kien hemm in-nies jghabbu xi affarijiet. …. Il-gate maghluq kien, minn gol-bieb tal-garaxx kienu qeghdin jghabbu, jew fethuh minn gewwa jew taqbez ifhem taqbez dan….. l-karozza kienet barra."*[16] Schembri identifika lill-imputat Sammut bhala x-xufier u lill-imputat Mallia bhala il-persuna li kienet marret tkellem lil Cassar u li *"Kien qed jghabbi xi affarijiet, jew barra jew minn gewwa ghal barra…. beda jghidlu biex jirrangaw ifhimni qallu issa naraw nistghux nilhqu kompromess nahseb dak il-hin…. Qallu forsi nirrangaw eh xi haga. L-ewwel qallu x'ghandkom bzonn, ghax jien nahseb m'gharfux li kien l-owner eh."*[17]Ikompli jghid dan dwar Mallia *"Rajtu jghabbi xi cables jew hekk, xi cables kien qed jghabbi."*[18]

Id-difiza fin-nota taghha tikkontendi li l-aggravju tal-mezz ma jirrizultax. Il-Qorti hawn tara li d-difiza ghandha ragun peress li dan l-aggravju ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi ghalkemm hu aktar minn probabbli

[11] Fol.27
[12] Fol.28
[13] Fol.30
[14] Fol.31
[15] Fol.31. Vide ukoll Current Incident Report a fol. 15, Dok.JF3
[16] Fol.35
[17] Fol.36-37
[18] Fol.38

li galadarba kif jghid Schembri l-gate kienet maghluqa w il-ftuh tal-garaxx sar minn gewwa, liema bieb kien jinfetah b'serratura u firoll, biex wasslu sal garaxx u fetthuh, dan id-dhul bilfors sehh bi skalata jew bi ksur. Fir-rigward tal-aggravju dwar il-valur izda, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ma tistriehx fuq ix-xhieda ta' Cassar dwar l-istima minnu moghtija. Hu fatt risaput li r-ramm igib prezz gholi, u certament jaghmel sens li, kif jixhed Cassar meta jghid li l-valur kien bejn €300-€400, kien ghalhekk jissupera l-ammont ta' €232.94. Dan l-aggrvaju tal-valur ghaldaqstant gie pruvat.

Illi mill-atti processwali tirrizulta ampjament ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi l-ewwel imputazzjoni. Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal-imputazzjoni ta' serq. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi moghtija fil-konfront ta' Keith-Joseph Mallia, din il-Qorti tinnota li l-imputat ma giex akkuzat li hu recidiv u lanqas bi ksur ta' xi sentenza sospiza. Lanqas, kif tikkontendi d-difiza fin-nota taghha, ma ngiebet prova sabiex tissostanzja l-akkuza li Mallia naqas milli jhares xi kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri. Anzi s-sentenza esebita a fol. 123 tindika li din l-imputazzjoni diga giet trattata min din il-Qorti diversament preseduta u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minn din it-tielet imputazzjoni moghtija fil-konfront tieghu wahdu minhabba il-principju legali fundamentali u dritt kostituzzjonali ta' *ne bis in idem*.

In kwantu ghal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-fedina penali xejn felici tal-imputati, partikolarment dik tal-imputat Mallia li wera bic-cjar li mhux talli pprova jisfrutta opportunitajiet moghtija lilu mill-Qrati sabiex jirriforma ruhu izda li jiem wara li kien nghata tali opportunota` rega' kkometta reati ohra[19] u dan fil-presenza ta' ibnu[20] u ghalhekk certament ma jistghux u ma ghandhomx jigu trattati bhala first-time offenders.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni,

[19] Vide sentenza JF6 a fol.120 moghtija anqas minn xahar qabel li sehh dan ir-reat.
[20] Fol.25 u 27

tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni u tillibera lil Keith-Joseph Mallia wahdu mit-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu wahdu, u tikkundannah ghal sena prigunerija effettiva, filwaqt li l-imputat Sammut qed jigi kkundannat ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lil Vincent Sammut l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**